# L-Ordni tas-Serviti

## *Imwaqqfa nhar l-Assunta 1233*



Kitba ta' Joe Chetcuti

Kien il-jum 15 ta' Awissu tas-sena 1233, meta l-Verġni Mbierka Marija Santissima dehret lil seba' persuni nobbli mill-belt ta' Firenze u qaltilhom biex iħallu dinja warajhom u jingħaqdu f'Ordni u jgħixu biss għal Alla. Dawn il-persuni kienu qed jagħmlu rtir organizzat mis-Soċjetà Laudesi nhar il-festa ta' Santa Marija. Dawn il-persuni kienu *businessmen*, nies tan-negozju, imma obdew lill-Madonna, ħallew kollox warajhom, u ngħaqdu flimkien u bdew jgħixu ta' patrijiet.

Fi ftit żmien huma akkwistaw lokal jismu *La Camarzia*, ftit metri bogħod mill-ħitan tal-belt ta' Firenze. Aktar tard sabu post akbar fuq Monte Senario, ħdax-il mil bogħod minn Firenze. F'Monte Senario reġa' kellhom dehra oħra tal-Madonna. F'idejha kienet qed iżżomm libsa sewda, li kellha tkun il-konfratija – l-uniformi – tas-Soċjetà tas-Serviti. Madwar il-Madonna kien hemm numru ta' anġli. Ftit minn dawn l-anġli kellhom f'idejhom strumenti tal-Passjoni ta' Ġesù, anġlu kellu f'idu r-Regola ta' Santu Wistin filwaqt li anġlu ieħor kellu parċmina kbira bl-isem *Serviti ta' Marija* miktuba fuqha.

F'dik id-dehra l-Madonna tkellmet u qalet: "Jiena għażiltkom biex tkunu s-servi tiegħi, l-ewwel grupp tas-servi tiegħi. Intom se taħdmu fil-għalqa ta' Ibni Ġesù. Ġibtilkom hawnhekk il-libsa li se tibdew tilbsu. Il-kulur skur tal-libsa jfakkarkom fil-vleġeġ ta' dulur li jien sofrejt hemm fuq il-Kalvarju wieqfa taħt is-salib li fuqu Ibni kien imsallab. Irċievew ukoll dan il-ktieb tar-Regola ta' Santu Wistin. B'dan l-isem ta' *Servi* tiegħi intom takkwistaw il-ħajja ta' dejjem."

F'Malta m'għandniex din l-ordni ta' patrijiet, is-Serviti ta' Marija, imma din l-Għaqda hi mxerrda mad-dinja kollha. Preżentement in-numru tas-Serviti huwa ta' 'l fuq minn elf u mija li minnhom 810 huma saċerdoti li jqaddsu. Id-dar ġeneralizja tas-Serviti hija Ruma, u l-akbar numru ta' dawn il-patrijiet jinsabu fl-Amerika. L-ispirtu distintiv ta' din l-Ordni hu l-qdusija personali tal-membri billi spiss jimmeditaw fuq il-Passjoni ta' Ġesù u d-Duluri tal-Verġni Marija. Il-missjoni ta' l-Ordni hi wkoll li jxerrdu dawn id-devozzjonijiet fost il-bnedmin kollha.

L-Ordni tas-Serviti hu maqsum fi tliet Ordnijiet: l-Ordni tal-Patrijiet, it-Tieni Ordni dak tas-Sorijiet u t-Terz'Ordni, dak li hu msejjaħ *Tal-Montellati*. It-Tieni Ordni kien mibdi minn żewġ fundaturi nisa: il-Venerabbli Elena u l-Venerabbli Roża fis-sena 1285. L-Ordni tas-Serviti nisa għandu kunventi fl-Italja, fl-Austria u f'Bognor, l-Ingilterra. It-Terz'Ordni – dak tal-Mantellati kien imwaqqaf minn Santa Ġuljana Falconieri fis-sena 1284. Din il-fergħa tas-Serviti tagħmel ħafna xogħol ta' natura soċjali l-istess bħalma kienet tagħmel il-fundatriċi. Kważi f'kull pajjiż ta' l-Ewropa jeżisti kunvent tal-Montellati. L-arċidukessa ta' l-Awstrija għenet bil-bosta lill-Ordni tal-Montellati billi tat flus ħalli jitwaqqfu numru ta' kunventi fl-Ewropa. Din l-arċdukessa hija l-Venerabbli Anna Ġuljana li qabel mietet saret ukoll *Montellata*. Fis-sena 1850 nfetaħ l-ewwel kunvent tal-Montellati ġewwa l-Ingilterra. Fis-sena 1871 xi sorijiet Ingliżi ġew mibgħuta fl-Amerika biex jiftħu kunventi hemmhekk. Għall-ewwel ma rnexxielhomx, imma rnexxielhom fis-sena 1893. Illum għandhom kunventi f'diversi stati ta' l-Amerika u novizzjat f'Cherokee, Iowa. Dawn is-sorijiet imexxu skejjel jgħallmu f'kulleġġi u Universitajiet, jieħdu ħsieb ir-romol u l-orfni, u jduru bil-morda.

Qabel nispiċċa dan l-artiklu ma rridx ninsa nsemmi wieħed patri tas-Serviti li kien jismu Filippu. Dan Filippu, illum San Filippu, tant ħadem fi ħdan l-Ordni tas-Serviti li beda jissejjaħ it-tmien membru fundatur ta' l-Ordni. Kien fi żmienu u bit-tħabrik tiegħu li l-kunventi tas-Serviti nfetħu u żdiedu bil-bosta.